**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 139**
**It-Tlieta, 27 ta' Ġunju, 2023 fl-4:00 p.m.**

**VALLETTA CULTURAL AGENCY - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9539. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Valletta Cultural Agency u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 139
27/06/2023

**ŻFIN MALTA BOARD - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9540. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti minn Żfin Malta Board u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - PERSUNI LI GĦANDHOM CAR ALLOWANCE**

**9595. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom car allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. IAN BORG:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9592, ninformah li hemm (5) ħames persuni li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti mill-kuntratt tagħhom, għax huma parti jew jaħdmu mas-Segretarjat.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - PERSUNI LI GĦANDHOM CAR ALLOWANCE**

**9596. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom car allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar u se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - PERSUNI LI GĦANDHOM CAR ALLOWANCE**

**9597. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom car allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9592, ninfurmah li hemm 22 persuna li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti mill-kuntratt tagħhom, għax huma parti jew jaħdmu mas-Segretarjat.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - PERSUNI LI GĦANDHOM CAR ALLOWANCE**

**9598. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom car allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9592, ninformah li hemm 12-il persuna li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti mill-kuntratt tagħhom, għax huma parti jew jaħdmu mas-Segretarjat.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - PERSUNI LI GĦANDHOM CAR ALLOWANCE**

**9599. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom car allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba numru 9592, ninformah li hemm seba' persuni mal-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u tmien persuni mas-Segretarju Parlamentari li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti mill-kuntratt tagħhom, għax huma parti jew jaħdmu mas-Segretarjat.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - PERSUNI LI GĦANDHOM CAR ALLOWANCE**

**9600. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid fil-Ministeru mmexxi minnha, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom car allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9592, ninformah li hemm 11-il persuna li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti mill-kuntratt tagħhom, għax huma parti jew jaħdmu mas-Segretarjat.

Seduta 139
27/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – SKEMI TA' AMNESTIJI**

**9682. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu amnestiji mill-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA mill-2013 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Fiex kienu jikkonsistu dawn l-amnestiji, meta daħlu fis-seħħ, jekk kienx hemm terminu għal dawn l-amnestiji, min seta' japplika għal dawn l-amnestiji u kif wieħed seta' japplika għal dawn l-amnestiji?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9681.

Seduta 139
27/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – PERMESSI GĦAL BLOKKI TA' RESIDENZI TA' HOUSING**

**9683. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA, sena b'sena mill-2013 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, għall-blokki ta' residenzi ta' Housing? Kemm hemm permessi pendenti, f'liema lokalità u x'inhi r-referenza ta' kull applikazzjoni?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 139
27/06/2023

**AGRICULTURE BIORESOURCES AGENCY – BORD - MEMBRI**

**9684. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-persuni fuq il-bord tal-Agriculture Bioresources Agency? Jista' jgħid kull wieħed u waħda minnhom kemm ilu fuq dan il-Bord? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm laqgħat tal-Bord u kemm-il laqgħa attenda kull wieħed u waħda minnhom sena b'sena?

05/06/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-Bord li qiegħed jirreferi għalih mhuwiex eżistenti.

Seduta 139
27/06/2023

**AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS – BORD - MEMBRI**

**9685. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-persuni fuq il-bord tal-Agriculture and Rural Payments Agency? Jista' jgħid kull wieħed u waħda minnhom kemm ilu fuq dan il-Bord? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm laqgħat tal-Bord u kemm-il laqgħa attenda kull wieħed u waħda minnhom sena b'sena?

05/06/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-Bord li qiegħed jirreferi għalih mhuwiex eżistenti.

Seduta 139
27/06/2023

**DIVIŻJONI TAT-TINDIF U MANUTENZJONI – KENNIESA FIL-LOKALITÀ TAŻ-ŻURRIEQ U BIRŻEBBUĠA**

**9686. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx konsultazzjoni mal-Kunsilli rispettivi qabel beda x-xogħol ta' tindif mid-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni f'diversi lokalitàjiet fosthom iż-Żurrieq u Birżebbuġa? Jista' jgħid kemm suppost hemm kenniesa f'kull lokalità biex ikunu jistgħu ilaħħqu max-xogħol u kemm fil-fatt hemm kenniesa bħalissa jagħmlu dan ix-xogħol?

05/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kienu l-Kunsilli rispettivi stess li talbu l-għajnuna tad-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni sabiex jintervjenu fil-lokalitajiet peress li l-kuntratturi ma kinux qed iwettqu xogħol sodisfaċenti.

Preżentament fil-lokalità taż-Żurrieq qed ikun hemm 5 ħaddiema ta' kuljum u f'Birżebbuġa qed ikun hemm 6 ħaddiema ta' kuljum – dan apparti dawk il-ħaddiema li jintużaw biex inaddfu l-bajjiet fl-istess lokalità meta jkun hemm bżonn addizzjonali.

Seduta 139
27/06/2023

**BIRŻEBBUĠA – PROĠETT TAS-SIĊĊA - PROĠETT**

**9687. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid meta se jibda u jiġi komplut ix-xogħol fuq il-proġett tas-Siċċa f'Birżebbuġa biex jiġi riġenaerat l-impjant ta' San Luċjan? Kemm ser jiġi jiswa dan ix-xogħol?

05/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet li tajtu għall-mistoqsijiet parlamentari 2991 u 4426, ninfurmah li fl-aħħar xhur ġew evalwati s-sejħiet għall-offerti li jipprovdu għall-project management u l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà waqt l-iżmantellar tal-impjant. Sussegwentement ġew ikkuntrattati żewġ kumpaniji sabiex jipprovdu dawn is-servizzi.

Sadanittant tkompla x-xogħol fuq sejħiet oħrajn, tant li nħarġet sejħa għal investigazzjonijiet relatati mal-art u l-ilma tal-pjan, u tħejjiet sejħa oħra li tipprovdi għat-tindif tat-tankijiet mill-fdalijiet taż-żjut. Fir-rigward tal-iżmantellar tat-tankijiet, inbeda l-proċess tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar u għal dan il-għan qed titħejja sejħa li tkun tista' tinħareġ meta jinħarġu l-permessi.

F'dan l-istadju, l-iskadenzi u l-istimi tal-proġett huma dipendenti ħafna fuq ir-riżultati tal-investigazzjonijiet li għad iridu jsiru fuq is-sit. Madankollu l-pjan hu li din l-ewwel fażi tal-proġett titlesta sal-aħħar tal-2024 u l-ispiża hija stmata li se tlaħħaq €850,000.

Seduta 139
27/06/2023

**SOVRINTENDENT TAL-PATRIMONJU KULTURALI - STONE MARKER**

**9709. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjonijiet ittieħdu mis-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali wara li saret spezzjoni fir-residenza tal-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u wara rapporti li l-istess Ministru kien fil-pussess ta' stone marker protetta? Jista' jgħid jekk is-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali talabx lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jittieħdu l-passi meħtieġa kif mitlub mill-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445) jew le? Jekk iva, meta saret din it-talba? Jekk le, għaliex ma sarx dan?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għar-risposta mogħtija għall-mistoqsija parlamentari numru 1305.

Seduta 139
27/06/2023

**INVESTIGAZZJONI TAR-RAPPORT RIGWARD STONE MARKER**

**9710. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar jekk infetaħx każ mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga rapport kif ikkonferma l-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali li fil-pussess tiegħu għandu stone marker protetta? Jekk iva, fejn wasal il-każ? Jekk le, għaliex ma ttieħdux passi s'issa?

05/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministru ma jkunx infurmat bl-investigazzjonijiet tal-Pulizija.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - RWOL TA' INDIVIDWU**

**9804. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, huwiex membru fuq bord li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru/Segretarju Parlamentari? Jekk iva, liema hu l-bord, x'inhu r-rwol ta' dan l-individwu, x'inhuma l-kwalifiki li għandu biex ikun fuq il-bord imsemmi u kemm qed jitħallas fis-sena biex ikun fuq dan il-bord?

08/06/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninsab infurmat li l-individwu li ngħataw id-dettalji separati dwaru mhuwiex membru fuq xi bord li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħi.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - RWOL TA' INDIVIDWU**

**9805. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individw, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, huwiex membru fuq bord li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru/Segretarju Parlamentari? Jekk iva, liema hu l-bord, x'inhu r-rwol ta' dan l-individwu, x'inhuma l-kwalifiki li għandu biex ikun fuq il-bord imsemmi u kemm qed jitħallas fis-sena biex ikun fuq dan il-bord?

08/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-individwu, li d-dettalji dwaru ngħataw separatament, mhuwiex membru fuq bord li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru/Segretarju Parlamentari.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-FONDI EWROPEJ**

**9806. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari jgħid jekk l-individwu, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, huwiex membru fuq bord li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru/Segretarju Parlamentari? Jekk iva, liema hu l-bord, x'inhu r-rwol ta' dan l-individwu, x'inhuma l-kwalifiki li għandu biex ikun fuq il-bord imsemmi u kemm qed jitħallas fis-sena biex ikun fuq dan il-bord?

08/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għar-risposta li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 9805.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - RWOL TA' INDIVIDWU**

**9807. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-individwu, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, huwiex membru fuq bord li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru/Segretarju Parlamentari? Jekk iva, liema hu l-bord, x'inhu r-rwol ta' dan l-individwu, x'inhuma l-kwalifiki li għandu biex ikun fuq il-bord imsemmi u kemm qed jitħallas fis-sena biex ikun fuq dan il-bord?

08/06/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-individwu, li d-dettalji dwaru ingħataw separatament, mhuwiex membru fuq bord li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru/Segretarju Parlamentari.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETT KAPITALI - RWOL TA' INDIVIDWU**

**9808. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatamen, huwiex membru fuq bord li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru/Segretarju Parlamentari? Jekk iva, liema hu l-bord, x'inhu r-rwol ta' dan l-individwu, x'inhuma l-kwalifiki li għandu biex ikun fuq il-bord imsemmi u kemm qed jitħallas fis-sena biex ikun fuq dan il-bord?

08/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta hi fin-negattiv.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - RWOL TA' INDIVIDWU**

**9809. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jgħid jekk l-individw,u li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, huwiex membru fuq bord li jaqa’ taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru/Segretarju Parlamentari? Jekk iva, liema hu l-bord, x’inhu r-rwol ta’ dan l-individwu, x’inhuma l-kwalifiki li għandu biex ikun fuq il-bord imsemmi u kemm qed jitħallas fis-sena biex ikun fuq dan il-bord?

08/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Ministru Interpellanta li dan l-individwi mhuwiex membru fuq bord li jaqa’ taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għal Għawdex.

Seduta 139
27/06/2023

**LIĠI DWAR IL-ĠUSTIZZJA RIPARATRIĊI – RAPPORT ANNWALI**

**9943. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid jekk għaddhiex għandu r-rapport annwali skont is-subartikolu 3 tal-Artikolu 9 tal-Liġi dwar il-Ġustizzja Riparatriċi fis-sena li għaddiet 2022?

08/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 9942.

Seduta 139
27/06/2023

**LIĠI DWAR IL-ĠUSTIZZJA RIPRATRIĊI – PAROLE DOSSIERS**

**9944. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid kemm ġew preparati Parole Dossiers ai termini tal-Liġi dwar il-Ġustizzja Riparatriċi matul is-sena li għaddiet 2022?

08/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li tnejn u erbgħin (42) Parole Dossiers ġew preparati fis-sena 2022 u dan skont l-artiklolu 13 tal-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi.
Ta' min isemmi wkoll li apparti dawn it-tnejn u erbgħin (42) Parole Dossiers, ġie ppreparat Parole Dossier ieħor u dan wara li l-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet dwar dan.

Seduta 139
27/06/2023

**LIĠI DWAR IL-ĠUSTIZZJA RIPARATRIĊI – RAPPORTI MILL-OFFENDER ASSESSMENT BOARD**

**9945. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid kemm ġew diskussi u ppreparati ai termini tal-Liġi dwar il-Ġustizzja Riparatriċi rapporti mill-Offender Assessment Board matul is-sena 2022?

08/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi fis-sena 2022, tlieta u erbgħin (43) rapporti ġew diskussi u preparati mill-Offender Assessment Board *ai termini* tal-Liġi. Dan jinkludi rapport li ġie diskuss u preparat wara li l-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet dwar dan.

Seduta 139
27/06/2023

**SKEJJEL SEKONDARJI – TAGĦLIM TAL-LINGWA PORTUGIŻA**

**9946. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti fl-iskejjel sekondarji ta' pajjiżna fl-aħħar sena akkademika u jekk setgħux jitgħallmu l-lingwa Portugiża? Jekk iva, kemm ġew mgħallma l-lingwa Portugiż?

08/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lingwa msemmija mhix mgħallma la fl-Iskejjel tal-Istat u lanqas fl-Iskejjel tal-Knisja u dawk Indipendenti.

Seduta 139
27/06/2023

**SKEJJEL SEKONDARJI – TAGĦLIM TAL-LINGWA ĠAPPUNIŻA**

**9947. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti fl-iskejjel sekondarji ta' pajjiżna fl-aħħar sena akkademika u jekk setgħux jitgħallmu l-lingwa Ġappuniża? Jekk iva, kemm ġew mgħallma l-lingwa Ġappuniża?

08/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lingwa msemmija mhix mgħallma la fl-Iskejjel ta' l-Istat u lanqas fl-Iskejjel tal-Knisja u dawk Indipendenti.

Seduta 139
27/06/2023

**SKEJJEL SEKONDARJI – TAGĦLIM TAL-LINGWA ĊINIŻA**

**9948. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti fl-iskejjel sekondarji ta' pajjiżna fl-aħħar sena akkademika u jekk setgħux jitgħallmu l-lingwa Ċiniża? Jekk iva, kemm ġew mgħallma l-lingwa Ċiniża?

08/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'din is-sena skolastika fl-Iskejjel Medji u Sekondarji tal-Istat hemm 12,445 student. Bħalissa hemm 13-il student li qed jitgħallmu ċ-Ċiniż.

Seduta 139
27/06/2023

**AWTORITÀ DWAR L-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS – IMPJEGATI**

**10028. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fi ħdan l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC)?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa l-Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis għandha 7 impjegati.

Seduta 139
27/06/2023

**AWTORITÀ DWAR L-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS – PAGI TAL-IMPJEGATI - SPIŻA**

**10029. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-ispiża totali f'termini ta' pagi tal-impjegati kollha fi ħdan l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC)?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi bejn l-1 ta' Jannar 2023 u s-16 ta' Ġunju 2023, l-ispiża totali f'termini ta' pagi tal-impjegati kollha fi ħdan l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC) ammontat għal €115,146.34.

Seduta 139
27/06/2023

**AWTORITÀ DWAR L-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS – WAGE BRACKET GĦALL-IMPJEGATI TAL-ASSOĊJAZZJONIJIET LI JIPPRODUĊU L-KANNABIS**

**10030. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'wage bracket qiegħda tqis bħala aċċettabli l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis għal min jaħdem fl-assoċjazzjonijiet li se jipproduċu l-kannabis li, skont il-liġi, huma non-profitable?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis tivvaluta l-pagi skont numru ta' kriterji fosthom il-kwalifiki u l-esperjenzi professjonali tal-individwu, ir-rwol tagħhom fi ħdan l-assoċjazzjoni, u kif dawn il-fatturi huma riflessi fir-rata tas-dinja tax-xogħol. *In oltre*, l-Awtorità tivvaluta wkoll il-volum totali tal-pagi u n-numru ta' impjegati mqabbla mad-daqs tal-assoċjazzjoni.

Seduta 139
27/06/2023

**AWTORITÀ DWAR L-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS – LABORATORJI TAL-ITTESTJAR TAL-KANNABIS**

**10031. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-laboratorji akkrediti magħżula mill-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC) biex jittestjaw il-prodotti tal-kannabis li se jipproduċu l-assoċjazzjonijiet?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kull laboratorju li jilħaq ir-rekwiżiti maħruġa mill-Awtorità u li huma mniżżlin fid-Direttivi, jista' jipprovdi s-servizzi tiegħu lill-assoċjazzjonijiet. L-għażla tal-laboratorju se ssir mill-assoċjazzjonijiet stess fuq awtorizzazzjoni tal-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis.

Seduta 139
27/06/2023

**DĦUL MILL-VAT FUQ IL-KONTIJIET TAD-DAWL U L-ILMA**

**10067. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-ammont li l-Gvern daħħal mill-VAT fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, sena b'sena mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

12/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 139
27/06/2023

**PERSUNI LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 60 SENA U JAĦDMU MAL-GVERN**

**10068. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm nisa/irġiel ta' aktar minn 60 sena għadhom jaħdmu mal-Gvern? Jista' jagħti n-numru skont l-età?

12/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 139
27/06/2023

**PERSUNI LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 60 SENA U JAĦDMU F'FAMILY BUSINESS**

**10069. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawk li għandhom 60 sena u aktar u li għadhom fis-suq tax-xogħol, jaħdmu f'family business? Jista' jagħti l-informazzjoni maqsuma bħala nisa u rġiel?

12/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-Jobsplus ma tiġborx informazzjoni dwar jekk persuna taħdimx f'family business.

Seduta 139
27/06/2023

**UFFIĊJALI PUBBLIĊI AKKUŻATI B'TIXĦIM**

**10070. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm uffiċjali pubbliċi akkużati b'tixħim mill-2013 sal-lum?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' uffiċjali pubbliċi li ġew imressqa fil-Qrati u fost l-akkużi kontrihom kien hemm speċifikament ir-reat ta' tixħim, bejn is-sena 2013 sal-31 ta' Mejju 2023, kien ta' tnejn u għoxrin.

Seduta 139
27/06/2023

**ALLOKAZZJONI TA' SOCIAL WORKERS MA' KUNSILLI LOKALI**

**10071. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx pjan li jkunu allokati social workers/administrators full-time jew part-time fi ħdan il-Kunsilli Lokali biex ikunu qrib ir-residenti ħalli jiġu indirizzati bl-aktar mod effiċjenti u effettiv il-problemi soċjali tal-familji Maltin u Għawdxin u liema Kunsilli Lokali bbenefikaw minn dan is-servizz?

12/06/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aġenzija Sapport toffri s-servizzi fuq livell nazzjonali u għalhekk taħdem fuq livell ċentrali b'uffiċini f'Malta u Għawdex waqt li tikkollabora ma' diversi entitajiet oħra fil-qalba tal-komunitajiet kemm għall-qsim ta' riżorsi kif ukoll għal riferti ta' persuni b'diżabilità u familjari li jistgħu jibbenefikaw mis-servizzi tal-Aġenzija.

Seduta 139
27/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – ĦLAS MINN KUMPANIJA**

**10072. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9117 , jista' l-Ministru jgħid x'kienet l-ispiża li ħallset il-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament bħala Community Gain kif kien mitlub mill-Awtorità tal-Ippjanar mal-ħruġ tal-permess ta' żvilupp għall-bini tal-istess kumpanija?

12/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 10072 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 139
27/06/2023

**NUQQAS TA' ĦLAS TA' MANTENIMENT - PRIĠUNERIJA**

**10083. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Minsitru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9084, 9371 u 9712 u jgħid kemm kien hemm missirijiet u ommijiet li fis-sena 2020 effettivament instabu ħatja ta' ksur tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) artikolu 338(z), dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment, u artikolu 338(II), dwar in-nuqqas ta' aċċess ta' wlied minuri, u kemm weħlu twissijiet, multi, ħabs sospiż u/jew priġunerija?

12/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 9130.

Seduta 139
27/06/2023

**MALTA FILM COMMISSION – DĦUL MINN KIRI TAL-FAĊILITAJIET, UŻU TA' RIŻORSI UMANI U ADMINISTRATION FEES**

**10084. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9026 intera u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ammonti kollha ta' dħul li rċeviet il-Malta Film Commission mill-kiri tal-faċilitajiet, użu ta' riżorsi umani u administration fees fil-Malta Film Studios għas-snin 2013, 2014, 2015, 2016, 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022?

13/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9026.

Seduta 139
27/06/2023

**HERITAGE MALTA – PERSUNI LI ŻARU DIVERSI SITI**

**10086. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9498, jista' l-Ministru jagħti tweġiba għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022 għax il-figuri li bagħatli huma biss minn Jannar sa April 2023? Jista' jgħid ukoll kemm kien in-numru ta' persuni li żaru kull sit amministrat minn Heritage Malta f'Malta u Għawdex, xahar b'xahar, minn Jannar sa Diċembru tas-snin 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022? Jista' jagħti din l-informazzjoni għal kull tali sit għax-xahar u s-sena elenkata individwalment u skont jekk kinux tfal, adulti jew anzjani?

13/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qiegħed inpoġġi l-informazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 139
27/06/2023

**QALA, GĦAWDEX - TRIQ PAPA PIJU XII - XOGĦOL**

**10130. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7574 li ngħatat fl-1 ta' Novembru 2022 dwar meta se jitkompla x-xogħol fuq Triq Papa Piju XII fil-Qala, Għawdex, u dwar meta hu mistenni li x-xogħol f'din it-triq ikun lest għalkollox fejn kien ġie mwieġeb li "ix-xogħol fuq Triq Papa Piju XII fil-Qala tlesta, fil-ġimgħat li ġejjin mistenni li jingħata l-wearing course", jista' l-Ministru jgħid jekk il-wearing course ingħatax u jekk le, x'inhuma r-raġunijiet għala għaddew iktar minn seba' xhur u nofs u għadu ma ngħatax il-wearing course?

14/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru8739.

Seduta 139
27/06/2023

**GĦAWDEX - TRIQ LI TWASSAL GĦALL-BAJJA TA' ĦONDOQ – XOGĦLIJIET**

**10131. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3651 li ngħatat fl-14 ta' Novembru 2022 u t-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7574 li ngħatat fis-17 ta' April 2023 dwar x'qed isir fil-parti tat-triq li twassal għall-Bajja ta' Ħondoq li bdiet tisfronda, peress li din it-triq kien sar xogħol fuqha fi żmien il-Ministru Refalo iżda ftit wara bdiet tisfronda, fejn ġie mwieġeb li x-xogħlijiet huma ppjanati li jsiru ladarba jiġi pproċessat it-tender, jista' l-Ministru jgħid jekk it-tender ġiex ipproċessat u jindika meta, bejn wieħed u ieħor, hu maħsub li jibda x-xogħol meħtieġ fuq l-imsemmija triq?

14/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet neċessarji ser ikunu qed isiru ladarba jiġi deċiż l-appell fuq sejħa għall-offerti għal xogħlijiet fuq toroq li hemm quddiem il-PCRB u sabiex il-Ministeru ma jerġax jinqabad f'sitwazzjoni li ma jkollux tender/kuntratt biex jaħdem xogħol ta' urġenża, fil-ġimgħat li ġejjin mistennija toħroġ DPS.

Seduta 139
27/06/2023

**XLENDI, GĦAWDEX – PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PARKEĠĠ**

**10132. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid fiex waslu l-konsultazzjonijiet bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-parkeġġ tax-Xlendi? Tista' tgħid jekk intlaħaqx ftehim reċiproku u jekk iva, fiex jikkonsisti? Tista' tgħid ukoll meta bejn wieħed u ieħor hu maħsub li jibda x-xogħol li hemm bżonn

min-naħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ġewwa x-Xlendi biex l-infrastruttura tilqa' għaż-żieda fin-numru ta' residenti u fiex se jkun jikkonsisti dan ix-xogħol u kemm hu maħsub li se tkun l-ispiża?

14/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, għalkemm mhijiex l-entità responsabbli mir-riġenerazzjoni tal-parkeġġ, kienet f'diskussjonijiet kontinwi mal-Ministeru għal Għawdex sabiex tiġi integrata l-aħjar infrastruttura tad-drenaġġ ma' dan il-proġett. Id-diskussjonijiet ġew konklużi u bi qbil bejn il-partijiet konċernati il-Korporazzjoni qed timplimenta l-istudji tekniċi meħtieġa sabiex tiddisinja l-pumping station adekwata u jinbidlu wkoll il-pajpijiet li jwasslu għas-sentina. Ladarba jitlestew dawn l-istudji wieħed imbagħad ikollu idea ċara ta' kemm se tkun l-ispiża u kemm se jieħu żmien dan ix-xogħol biex jitwettaq.

Seduta 139
27/06/2023

**QALA, GĦAWDEX – TRIQ TAĊ-ĊAWL**

**10133. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'għamel s'issa u x'beħsiebu jagħmel fil-futur qarib dwar parti minn Triq Taċ-Ċawl fil-Qala, Għawdex, peress li f'dawn l-aħħar xhur parti minn din it-triq kompliet iċċedi u tisfronda? Jista' jgħid jekk fil-preżent hemmx periklu għan-nies/bdiewa u għall-vetturi li jgħaddu minn din l-imsemmija triq? Jista' jgħid ukoll jekk marx perit tal-Gvern fuq il-post u x'ġie deċiż?

14/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferri għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 10131 tal-lum stess.

Seduta 139
27/06/2023

**PRIM'AWLA SEDE KOSTITUZZJONALI – KAWŻI PENDENTI KONTRA L-AVUKAT TAL-ISTAT**

**10143. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9466 mogħtija fis-seduta tal-14 ta' Ġunju, 2023, jista' l-Ministru jagħti l-ismijiet tal-partijiet f'kull waħda mill-kawżi elenkati f'dik it-tweġiba?

15/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sas-6 ta' Ġunju 2023.

Seduta 139
27/06/2023

**PRIM'AWLA SEDE KOSTITUZZJONALI – KAWŻI PENDENTI KONTRA L-AVUKAT TAL-ISTAT**

**10144. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9466 mogħtija fis-seduta tal-14 ta' Ġunju, 2023, tenut kont tan-numru konsiderevoli ta' kawżi li hemm pendenti dwar l-allegat ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, fejn jidher li l-poteri ta' diversi regolaturi taħt diversi liġijiet li jimponu sanzjonijiet, inkluż penalitajiet sostanzjali, qed jiġu ddikjarati mill-qrati li huma bi ksur tal-istess artikolu 39(1), jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-Gvern hux qed iqis x'passi leġiżlattivi jistgħu jittieħdu biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni?

15/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 8109.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10184. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-lum?

15/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10169.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10185. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-lum?

15/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 10169.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10186. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-lum?

15/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija numru 10188.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10187. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-lum?

15/06/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferri għall-Mistoqsija Parlamentari numru 10169.

Seduta 139
27/06/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - RATA TA' PAGI LILL-ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10188. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kienet ir-rata tal-paga fis-siegħa u l-kundizzjonijiet tax-xogħol imħallsa lill-ħaddiema kollha (elenkati skont ix-xogħol jew kif ġew ippubblikati l-offerti) li huma impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u jipprovdu servizz għall-Ministeru u l-awtoritajiet kollha, entitajiet tal-Gvern u kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023?

15/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li r-rata ta' pagi fis-siegħa u kundizzjonijiet tax-xogħol ta' aġenziji tax-xogħol huma regolati minn ċirkolarijiet fis-sena li joħorġu mid-Dipartiment tal-Kuntratti bit-tema "Award of service contracts and pegged rates". Għas-snin imsemmija ċ-ċirkolarijiet pertinenti huma 20/2018,17/2019,20/2020,21/2021, 4/2023 u 5/2023 li kopja tagħhom qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - RATA TA' PAGI LILL-ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10189. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kienet ir-rata tal-paga fis-siegħa u l-kundizzjonijiet tax-xogħol imħallsa lill-ħaddiema kollha (elenkati skont ix-xogħol jew kif ġew ippubblikati l-offerti) li huma impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u jipprovdu servizz għall-Ministeru u l-awtoritajiet kollha, entitajiet tal-Gvern u kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023?

15/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10188.

Seduta 139
27/06/2023

**PERSUNI LI AĊĊESSAW IL-PEP FL-2022**

**10227. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm persuni aċċessaw il-PEP fl-2022, kif ukoll jagħti l-ġeneru ta' dawn il-persuni?

16/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi 34 persunaaċċessaw il-PEP fl-2022.

Seduta 139
27/06/2023

**SETTURI ĠODDA FL-EKONOMIJA**

**10283. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Fid-dawl dak li qal il-Ministru tal-Finanzi dwar il-politika ekonomika tal-Gvern u ż-żieda fil-popolazzjoni, jista' l-Ministru jgħid xi pjan għandu l-Gvern biex jattira setturi ġodda fl-ekonomija tagħna matul is-snin li ġejjin? Jista' jindika liema huma dawn is-setturi l-ġodda?

20/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-viżjoni ekonomika għal dawn l-għaxar snin ġiet imnedija f'Ġunju tal-2021. Din l-istrateġija; Malta's Economical vision 2021-2023; A future proof Malta, tista' titniżżel mis-sit tal-MIMCOL.

Seduta 139
27/06/2023

**INDUSTRY VERTICALS**

**10284. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Fid-dawl ta' dak li qal il-Ministru dwar il-politika ekonomika tal-Gvern u ż-żieda fil-popolazzjoni, jista' l-Ministru jgħid xi pjan għandu l-Gvern biex jinvesti f'industry verticals eżistenti? Jista' jindika x'tip ta' investiment se jkun qed isir?

20/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 139
27/06/2023

**INDUSTRY VERTICALS**

**10285. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Fid-dawl ta' dak li qal il-Ministru tal-Finanzi dwar il-politika ekonomika tal-Gvern u ż-żieda fil-popolazzjoni, jista' l-Ministru jgħid xi pjan għandu l-Gvern biex jinvesti f'industry verticals eżistenti? Jista' jindika x'tip ta' investiment se jkun qed isir?

20/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 10283.

Seduta 139
27/06/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – DIRECT ORDERS**

**10288. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm ingħataw *direct orders* u kemm kien l-ammont totali tal-valur tagħhom, mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, matul l-2022, xahar b'xahar?

20/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari nru 7466.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – DIRECT ORDERS**

**10289. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ingħataw *direct orders* u kemm kien l-ammont totali tal-valur tagħhom, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2022, xahar b'xahar?

20/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ContractingAuthority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – DIRECT ORDERS**

**10290. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw *direct orders* u kemm kien l-ammont totali tal-valur tagħhom, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, matul l-2022, xahar b'xahar?

20/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 139
27/06/2023

**WIED IL-GĦAJN – TREJQET IT-TORRI - BANKINA**

**10307. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10082, li oriġinarjament saret lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, u jara, permezz tal-aġenzija konċernata, li ssir bankina fi Trejqet it-Torri, Wied il-Għajn?

20/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala illi 'Trejqet it-Torri' hija trejqa dejqa ħafna li minnha jgħaddu ftit vetturi.
Il-possibbiltà li issir bankina hija diffiċli għaliex it-triq hija dejqa ħafna.

Seduta 139
27/06/2023

**BINJA – ŻVILUPP**

**10313. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 9479, jista' l-Ministru jgħid jekk is-CPD toħroġx rapporti jekk high rising buildings mhumiex 'earthquake proof'?

20/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili mhux l-entità li toħroġ dawn it-tip ta' rapporti.

Seduta 139
27/06/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – KONSULENTI**

**10314. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9481 u 5153, u jgħid kemm għandu konsulenti fil-Ministeru tiegħu, f'liema entitajiet li jaqgħu taħtu, kemm dawn jitħallsu u x'inhuma l-kwalifiki tagħhom??

20/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 139
27/06/2023

**REĠJUN TAL-LVANT – SPIŻA – KUNTRATT MERBUĦ**

**10315. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hija l-ispiża għal matul is-sena 2023 permezz tal-kuntratt mirbuħ ġewwa r-Reġjun Lvant biex jinġabar l-iskart imħallat u dak organiku?

20/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ninsab infurmat mill-Kunsill Reġjonali għall-Lvant illi l-ispiża għas-servizz tal-Ġbir ta' skart imħallat u skart organiku għal matul is-sena 2023 tammonta għal €1,420,615 (VAT eskluża).

Seduta 139
27/06/2023

**PROMENADE MINN SAN ĠILJAN SA TAS-SLIEMA - RAILINGS**

**10316. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 9637, jista' l-Ministru jgħid min huwa l-Ministru responsabbli fid-dawl li dan il-promenade sar mill-Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi?

20/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** L-entità li twettaq proġett mhux bilfors li tibqa' responsabbli mill-manutenzjoni tal-istess proġett. Nitlob lill-Onor. Interpellant jindirizza din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 139
27/06/2023

**MALTA ENTERPRISE – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL LOI GĦALL-PRODUZZJONI TAL-KANNABIS MEDIĊINALI**

**10317. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 9634 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u issa ġiet riferuta lilha u tgħid kemm irċeviet applikazzjonijiet il-Malta Enterpise għal Letter Of Intent (LOI) għall-produzzjoni tal-kannabis mediċinali sena b'sena mill-2018 sal-lum? Kemm kien hemm applikazzjonijiet li ġew aċċettati u kemm kien hemm li ġew miċħuda, sena b'sena mill-2018 sal-

lum? Tista' tgħid ukoll kemm kien hemm minn dawk li rċevew LOI imma għaddew din l-awtorizzazzjoni għal kumpaniji oħrajn?

20/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 139
27/06/2023

**AWTORITÀ DWAR IL-MEDIĊINI – LIĊENZJA GMP**

**10318. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb għall-mistoqsija parlamentari 9635 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u tgħid kemm kien hemm li rċevew liċenzja Good Manufacturing Practice (GMP) mill-Awtorità dwar il-Mediċini?

20/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat mill-Awtorità msemmija minnu stess fil-mistoqsija.

Seduta 139
27/06/2023

**GĦAR LAPSI - PAVIMENTAR**

**10350. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti istruzzjoni lil Infrastructure Malta biex tneħħi t-tarmak li tpoġġa fin-niżla ta' Għar Lapsi u minflok tagħmel pavimentar addattat għall-ambjent bħalma wieħed jistenna?

21/06/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 139
27/06/2023

**GĦAR LAPSI - PAVIMENTAR**

**10351. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti istruzzjoni lil Infrastructure Malta biex tneħħi t-tarmak li tpoġġa fin-niżla ta' Għar Lapsi u minflok tagħmel pavimentar addattat għall-ambjent bħalma wieħed jistenna?

21/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 139
27/06/2023

**GĦAR LAPSI - PAVIMENTAR**

**10352. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti istruzzjoni lil Infrastructure Malta biex tneħħi t-tarmak li tpoġġa fin-niżla ta' Għar Lapsi u minflok tagħmel pavimentar addattat għall-ambjent bħalma wieħed jistenna?

21/06/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 139
27/06/2023

**GĦAR LAPSI - PAVIMENTAR**

**10354. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti istruzzjoni lil Infrastructure Malta biex tneħħi t-tarmak li tpoġġa fin-niżla ta' Għar Lapsi u minflok tagħmel pavimentar addattat għall-ambjent bħalma wieħed jistenna?

21/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 139
27/06/2023

**GĦAR LAPSI - PAVIMENTAR**

**10355. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti istruzzjoni lil Infrastructure Malta biex tneħħi t-tarmak li tpoġġa fin-niżla ta' Għar Lapsi u minflok tagħmel pavimentar addattat għall-ambjent bħalma wieħed jistenna?

21/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 139
27/06/2023

**GĦAR LAPSI - PAVIMENTAR**

**10356. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti istruzzjoni lil Infrastructure Malta biex tneħħi t-tarmak li tpoġġa fin-niżla ta' Għar Lapsi u minflok tagħmel pavimentar addattat għall-ambjent bħalma wieħed jistenna?

21/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 139
27/06/2023

**BICC - DISKUSSJONIJIET**

**10377. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9960 u jgħid fiex waslu d-diskussjonijiet biex il-Building Industry Consultative Council (BICC) jintemm?

21/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10378.

Seduta 139
27/06/2023

**BCCC – DĦUL FIS-SEĦĦ**

**10378. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9961 u jgħid meta se jidħol fis-seħħ il-Kunsill Konsultattiv dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni (BCCC)? Kif inhu mistenni jibda jaħdem dan il-kunsill?

21/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li bħalissa għaddejjin preparamenti biex jibda jaħdem il-BCCC. L-operat tal-kunsill se jkun regolat b'avviż legali.

Seduta 139
27/06/2023

**ALLIED HEALTH PROFESSIONALS FI SKALA 6 - XOGĦOL KLINIKU**

**10385. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk l-allied health professionals fi skala 6 hux ser jaħdmu xogħol kliniku?

21/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi x-xogħol tal-AlliedHealth Professionals ikun skont il-job description li ġie ppubblikat mas-sejħa.

Seduta 139
27/06/2023

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAL LUKANDI ĠODDA APPROVATI**

**10406. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10239 u jgħid kemm ġew approvati applikazzjonijiet għal lukandi ġodda fis-sena 2022 u fis-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid kemm hu t-total tal-bed capacity approvat fis-snin rispettivi?

21/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 139
27/06/2023

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAL LUKANDI ĠODDA RIFJUTATI**

**10407. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10240 u jgħid kemm ġew rifjutati applikazzjonijiet għal lukandi ġodda fis-sena 2022 u fis-sena 2023?

21/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 139
27/06/2023

**TURISTI LI JŻURU PAJJIŻNA**

**10408. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10241 u jgħid jekk in-numru ta' turisti li se jkunu żaru pajjiżna fis-sena 2023 huwiex se jkun ogħla mis-sena 2019?

21/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħidma tagħna timmira sabiex nattiraw aktar turiżmu ta' kwalità u nkomplu l-irkupru b'saħħtu li qiegħda tesperjenza l-industrija f'pajjiżna. Hemm diversi fatturi li jistgħu jaffetwaw ir-riżultat finali għas-sena 2023 u għaldaqstant mhuwiex prudenti li f'dan l-istadju nikkwotaw xi tip ta' ċifra.

Seduta 139
27/06/2023

**SKEJJEL PRIMARJI - LSES, GĦALLIEMA, ASSISTENTI KAPIJIET U KAPIJIET LI RRIŻENJAW**

**10416. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8996, 9385, 9894 u 10135 u jgħid kemm kien hemm LSEs, għalliema, assistenti kapijiet ta' skejjel u kapijiet ta' skejjel fil-livell primarju li rriżenjaw mill-impjieg tagħhom matul l-aħħar 12-il xahar, maqsuma għal kull kategorija?

22/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| Grad | Total ta' riżenji |
|---|---|
| KGE | 3 |
| LSE | 27 |
| Għalliem/a | 25* |
| Assisenti Kapijiet | 0 |
| Kapijiet | 0 |

*10 minnhom peripatetic

Seduta 139
27/06/2023

**SKEJJEL SEKONDARJI - LSES, GĦALLIEMA, ASSISTENTI KAPIJIET U KAPIJIET LI RRIŻENJAW**

**10417. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9176, 9386, 9895 u 10136 u jgħid kemm kien hemm LSEs, għalliema, assistenti kapijiet ta' skejjel, u kapijiet ta' skejjel fil-livell sekondarju li rriżenjaw mill-impjieg tagħhom, matul l-aħħar 12-il xahar, maqsuma għal kull kategorija?

22/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| Grad | Total ta' riżenji |
|---|---|
| Kap | 0 |
| Asst. Kap | 2 |
| LSE | 7 |
| Għalliem/a | 33 |

Seduta 139
27/06/2023

**ĊENTRI S.T.E.A.M.**

**10418. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9139, 9394, 9896 u 10137 u jgħid fejn jinsabu ċ-Ċentri S.T.E.A.M.? Kif titħaddem din is-sistema f'dawn iċ-ċentri? Kemm sar investiment f'dawn iċ-ċentri? Kemm sar investiment f'kull ċentru?

22/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 139
27/06/2023

**APPUNTAMENTI GĦAL MRI**

**10424. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm persuni li qed jistennew data għal appuntament tal-MRI u meta hu n-next available appointment għal MRI?

22/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-numru medju ta' riferti għall-MRI riċevuti fil-ġimgħa fl-Isptar Mater Dei huwa ta' 895. Bħalissa hemm 8791 persuna li qed jistennew data għal appuntament tal-MRI.

Seduta 139
27/06/2023

**ĦLAS LIL KUNTRATTURI**

**10425. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx pjan dwar kif se jitħallsu l-kuntratturi li għandhom jieħdu l-flus minn meta l-Isptar Karin Grech u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex kienu mmexxija minn kuntratturi barranin (Vitals/Steward)?

22/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 10149.

Seduta 139
27/06/2023

**CLEANSING AND MAINTENANCE DIVISION – FTEHIM MAL-BCRS**

**10441. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Cleansing and Maintenance Division daħalx fi ftehim mal-BCRS biex l-impjegati ta' dan id-Dipartiment inaddfu ż-żoni qrib id-diversi magni li l-istess BCRS għandha madwar Malta? Xi ħlas qed jieħu d-Dipartiment għal dan is-servizz jekk fil-fatt qed jirċievi ħlas għal dan is-servizz?

23/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta lid-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni daħlet fi ftehim mal-kumpanija BCRS sabiex iż-żoni qrib diversi magni jinżammu fl-aqwa stat ta' ndafa. Dan wara li kienu qed jidħlu diversi lmenti rigward ammont ta' skart li kien qed jitħalla madwar il-magni.

Il-BCRS se tkun qed tħallas l-ammont ta' €10,000 (Vat eskluża) għas-sena 2023, u €60,000 (Vat eskluża) fis-sena għas-snin 2024 sa 2028.

Seduta 139
27/06/2023

**PERSUNI LI GĦAMLU UŻU MIT-TRASPORT PUBBLIKU**

**10466. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna għamlet użu mis-servizz tat-trasport pubbliku bejn Ġunju 2022 u Ġunju 2023 u jipprovdi informazzjoni dwar kemm passiġġiera kienu ċittadini Maltin, turisti jew persuni ta' ċittadinanza barranija li jirrisjedu Malta?

23/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li bejn Ġunju 2022 u Mejju 2023 kien hemm 57,396,000 vjaġġ li għamlu passiġġiera li jużaw is-servizz tat-trasport pubbliku. Il-figuri ta' Ġunju 2023 għadhom mhumiex disponibbli.

Infurmat ukoll li meta wieħed japplika għal Tal-linja Cardma tiġix mitluba in-nazzjonalità ta' min jkun qiegħed japplika. Għaldaqstant l-informazzjoni mitluba jekk dawn il-vjaġġi sarux min ċittadini Maltin, turisti jew persuni ta' ċittadinanza barranija li jgħixu Malta mhijiex disponibbli.

Seduta 139
27/06/2023

**TAXXA FFRANKATA MINN XIRI U BEJGĦ TA' PROPRJETÀ F'UCA**

**10467. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet iffrankata taxxa għal dawk li xtraw jew biegħu proprjetà f'UCA f'Malta u f'Għawdex fl-2022?

23/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-iskema li għaliha qed tagħmel referenza kienet imħabbra fil-Budget 2022 u għadha fis-seħħ. Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li fl-2022, it-taxxa iffrankata għal dawk li xtraw proprjetà f'UCA f'Malta u Għawdex kienet tammonta għal €10,290,243.69; filwaqt li t-taxxa ffrankata għal dawk li biegħu proprjetà f'UCA f'Malta u Għawdex kienet tammonta għal €20,275,248.23.
Bis-saħħa ta' din l-iskema li kull persuna li tixtri jew tbiegħ proprjetà li tinsab f'żona ta' UCA jew proprjetà li ilha mibnija għal aktar minn 20 sena u ilha vakanti għal aktar minn 7 snin tingħata eżenzjoni mit-taxxa tal-Capital Gains u t-taxxa tal-Boll b'mod komplut fuq l-ewwel €750,000 tal-prezz tal-proprjetà.

Seduta 139
27/06/2023

**APPARAT LI JIPPURIFIKA L-ILMA - GĦOTJA**

**10468. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu dawk li applikaw għall-għotja fuq apparat li jippurifika l-ilma fl-2022 u jista' jgħid x'inhuma l-għotjiet illum għal min jagħmel investiment simili?

23/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Intepellanta illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 139
27/06/2023

**STIPENDJI – ĦLAS LIL STUDENTI**

**10469. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10080 u jgħid, matul is-sena skolastika li għaddiet (2021/2022), kemm kien l-ammont totali li tħallas fi stipendji lill-istudenti?

23/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 139
27/06/2023

**STIPENDJI - STUDENTI**

**10470. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10081 u jindika kemm kienu l-istudenti li gawdew mill-għoti tal-istipendju, skont l-istituzzjoni edukattiva, matul is-sena skolastika li għaddiet?

23/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 139
27/06/2023

**LOGĦOB TAL-PAJJIŻI Ż-ŻGĦAR – BED NIGHTS**

**10471. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10106 u ċjoè: Issa li ntemmu b'suċċess il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li saru f'Malta, jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' bed nigħts b'rabta ma' dan l-avveniment sportiv?

23/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kien hemm madwar 13,000 bed nights.

Seduta 139
27/06/2023

**FIRST TIME BUYERS – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL GĦOTJA TA' €1,000 GĦAL 10 SNIN**

**10472. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10079 u jikkonferma kemm kienu dawk il-first time buyers li applikaw sal-aħħar ta' Mejju 2023 għall-għotja ta' €1,000 fis-sena għal għaxar snin? Jista' jindika kemm minn dawn l-applikanti kienu koppji u kemm kienu persuni waħedhom?

23/06/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li din il-miżura hija wegħda elettorali u li diġà qed tiġi implimentata. Ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Mejju 2023, l-Awtorità tad-Djar irċeviet aktar minn 3,304 applikazzjoni li minn dawn 1,583 kienu koppji filwaqt li 1,721 kienu persuni waħedhom. Ninsab infurmat ukoll li fl-aħħar jiem bdew jinħarġu l-pagamenti lil dawk li fl-2022 xtraw l-ewwel proprjetà tagħhom u sa issa ħarġu 2,379 pagament. Fil-jiem li ġejjin ikomplu jinħarġu aktar pagamenti

Din il-miżura tfisser sostenn lil dawk il-first-time buyers li bl-għaqal tagħhom saru sidien ta' darhom. Din hija waħda minn kullana ta' miżuri li jiġu l-Awtorità tad-Djar għandha fis-seħħ biex tkompli tgħin lil dawk li jkunu jixtiequ li jsiru sidien ta' darhom fost l-oħrajn.

Seduta 139
27/06/2023